# Carmelo Borg Pisani



Kitba u riċerka ta' Raymond G. ZAMMIT

Bi pjaċir kbir għalija ġejt mistieden mill-Għaqda Mostija - is-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard - sabiex nikteb żewġ versi, fuq parti żgħira ħafna mill-istorja ta' pajjiżna. Dik li ftit jew wisq tittratta t-toqol ta' ħsibijiet li bi sħiħ nemmen li mal-milja tas-snin mhux kollha taru mar-riħ u ntesew. Għalkemm għadda 'l fuq minn nofs seklu minn din il-ġrajja ta' niket, speċjalment għall-familjari tal-persunaġġ magħżul - Carmelo Borg Pisani - xorta l-każ baqa' joffri nteress qawwi speċjalment fil-kamp kriminoloġiku kif ukoll dak soċjoloġiku kif ukoll soċjo-politiku. B'hekk, permezz tiegħu, dan il-każ seta' kien pedina ferm oħra mportanti li kompla saħħaħ il-ħafna ħsibijiet għaqlija u deċiżjonijiet meħuda kontra d-dell ikrah li ħalliet il-forka f'Malta, flimkien ma' deċiżjoni li l-istess forka titneħħa mil-liġijiet kriminali ta' pajjiżna.

Li nfakkar ġrajja ta' nteress qawwi f'konfini marbuta ma' dik ta' persunaġġ hekk kbir bħalma hu Nicolò Isouard, inħossni mhux biss ixxurtjat li ġejt mitlub li nagħmel dan, iżda bħala Mosti ħassejt li hu dover li nsegwi din it-talba. Il-każ 'Carmelo Borg Pisani' għal xi wħud huwa uniku, għal ħafna oħra ma' jfisser xejn, filwaqt li għal xi ftit waħdiet huwa każ li jġagħlek taħseb u jħallik tgħarbel u tibni, u kemm jista' jkun tkompli tfittex l-għeruq ta' dak kollu li seta' seħħ f'dawk iż-żminijiet hekk koroh li diffiċli ferm tikteb fuqhom jekk ma' tkunx messejt mal-verità.



Il-Professur Siverio jitkellem waqt il-kommemorazzjoni ta' Carmelo Borg Pisani.

M'huwiex każ uniku ta' *tradiment*. Il-biża' li seta' kien każ marbut minħabba falliment tal-ġustizzja baqa' jidwi għal tul ta' żmien bla ma tilef mill-importanza tiegħu. Il-bżonn li jitneħħa t-trab li seta' radam kull verità f'diversi każi oħra li seħħew f'pajjiża, qiegħed dejjem jikber fost dawk li għandhom għal qalbhom - dawk li nirreferu għalihom - bħala 'profili kriminali' *(criminal profiling)*. Fost il-ftit każi, tajjeb li wieħed jibqa' jfakkar ġrajjiet it-tabib Ġuzeppi Mattew Callus '*imgħallaq*' (1560-1561), Rev. Francesco Gesualdo '*maħruq ħaj*' (1561), Rev. Giordano Bruno '*maħruq ħaj*' (1750), Rev. Mikiel Xerri '*xkubettjat*' (1799), Nazju Ellul '*xkubettjat*' (1799), Mikiel Anton Vassalli '*issentenzjat/eżiljat*' (1764), Rużar Mizzi *(Il-Lajs)* '*imgħallaq*' (1894) u Antonio Azzopardi *(Ninu Xkora)* '*imgħallaq* '(1908) flimkien ma' l-aħwa Zammit '*imgħallqa*' (Naxxar 1943).




Il-Midalja tad-Deheb mogħtija lil Borg Pisani.

Għal ħafna, il-figura ta' dan l-artist hekk bravu Carmelo Borg Pisani ma' tfisser xejn, forsi għax hekk kien jaqbel. B'rispett insellem lil xi uħud li ġew imġegħla jinsew, min-naħa l-oħra nrodd ħajr lil dawk il-waħdiet fejn l-għatx għall-verità baqa' jikber. Hekk ġiegħlni nagħmel vers wieħed biss mill-ktieb 'Għall-Ħolma Ta' Ħajtu' tal-ħabib tiegħi Lawrence Mizzi (ref. p. xi) *"Nittama li xi ħadd warajja jirnexxilu fejn jien ma wasaltx"*. J'Alla dan il-vers jibqa' jidwi f'dawk kollha li jaqrawh.

Minkejja li għaddew 'il fuq minn sittin sena, il-ġrajja ta' Carmelo Borg Pisani, għadha mhux mejta jew minsija għal kollox. Għadha ġrajja mimlija bi storja kbira, kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali. Fuq kollox għadha storja fejn il-versi tagħha għadhom imnaqqxa f'diversi kotba li ssibhom kemm bl-ilsien Malti kif ukoll dak barrani. Ġewwa l-Italja, il-figura ta' Carmelo Borg Pisani għadha figura meqjusa u rispettata ħafna fejn ta' kull sena jiġi mfakkar b'qima kbira bħala *'eroj'*.

Hemm bżonn ta' iżjed sforz biex din il-ġrajja tinagħta post iktar xieraq ta' tagħlim f'soċjetà nisranija fejn il-ġustizzja żgur għad trid tifhem li ksur ta' liġi ma jissewwiex bi tpattija. Kif ikkwota tajjeb l-istudjuż famuż - il-kriminoloġista Ingliż Jeremy Bentham (1748-1832) meta qal:

*"The punishment is to fit the crime and not the criminal" and "The law is based to make justice with whom ever breached the law and not an example to satisfy part of the society who either silently or by other means, being journalism, favour or politically show or wait for revenge"*

"Il-kastig qiegħed biex jiffittja d-delitt u mhux lill-kriminal" u "il-liġi hija bbażata biex twettaq ġustizzja ma' min xellef il-liġi u mhux li tiġi wżata bħala eżempju biex tissodisfa xi parti mis-soċjetà, li jew fis-silenzju jew b'mezzi oħra bħal ġurnaliżmu, favuri jew politikament turi jew tistenna tpattija"

## CARMELO BORG PISANI


Carmelo Borg Pisani

Imwieled fl-10 t'Awwissu 1915 ġewwa l-Isla, bin Gaetano u Rosina mwielda Pisani, Carmelo kien ġuvni mimli saħħa w enerġija. Bniedem affixxinat b'dak kollu li n-natura sawret fl-ambjent Malti fis-snin għoxrin u dawk tletinijiet. Il-kultura u dak kollu madwar malajr issawret f'moħħ dan il-ġuvni li minn ċkunitu kien jidher tfajjel ta' kuraġġ kbir allavolja fi żminijiet hekk diffiċli ta' gwerra u faqar. Imwieled donnu aktar ta' nisel Taljan - trawwem bi kbir kontra l-Imperu Ingliż, għax f'dan ta' l-aħħar kien jara li ried aktar jistgħana minn fuq artna milli jipproteġiha. Pajjiżu sawtu f'dak li huwa studju. Ma setgħax ikabbar it-talenti li twieled bihom, dawk ta' l-arti.

Kellu jkun il-gvern Taljan li fl-aħjar ta' żogħżigħtu (1936) kien offrielu dak li dejjem ħolom - borża ta' studju. Kien hawn l-iktar li nġibed lejn l-art Taljana. Kien f'dan il-perjodu li Carmelo kien għaraf x'inhu faxxiżmu fejn fi ftit żmien sar faxxist ferventi. Lill-Italja kien beda jaraha bħala s-salvazzjoni għal art twelidu - Malta li dejjem xtaq jarha meħlusa mill-jasar ta' l-Ingilterra. Tant ħabb lill-Italja li f'waħda mill-kitbiet tiegħu kien għarraf lil Mussolini li kien lest joqgħod għall-ordnijiet tiegħu. Ingħaqad bħala membru f'għaqda magħrufa bħala 'CAM' - *Comitato d'Azione Maltese*. Tħarreġ bħala suldat fil-*Milizia Volontaria per La Sicurezza Nazionale* u ħa sehem fl-invażjoni ġewwa l-Greċja. Offra lill-Gvern Taljan li kien lest li jagħti kontribut biex iwassal tagħrif siewi fuq art twelidu lill-Italja, BASTA l-ħolma tiegħu - dik li Malta tkun biċċa mill-Italja - ssir realtà.

Il-ħidma ta' Carmelo Borg Pisani kienet bdiet f'Mejju 1942, ftit qabel li l-Italja kienet qegħda tippjana biex tinvadi lill-Malta. Iżda, wara jumejn fil-baħar, kważi għeri għal kollox, fuq il-blat ta' taħt Ħad-Dingli, Carmelo Borg Pisani kien ta ruħu b'mirbuħ u żvela dak kollu li kien għadda minnhu hekk kif kien qiegħed jiġi rekoverat ġewwa l-Isptar ta' l-Imtarfa.


Borg Pisani liebes l-uniformi ta' l-Armata Taljana.


Ras id-Dawwara


L-Għar fejn niżel Borg Pisani taħt l-irdum ta' Ras id-Dawwara

## It-Triq għall-Forka

Għal Carmelo Borg Pisani, tista' tgħid li t-triq għall-forka bdiet minn hawn. Kien ġie arrestat u wara nvestigazzjoni fit-tul mill-Kummissarju tal-Pulzija Joseph Axisa (1939-1947) li aktar qabel kien aġent fil-*Malta Intelligence Bureau*. Kien propju ftit wara għeluq sninu, 28 sena, meta nqrat l-akkuża kontra tiegħu. Kien akkużat fost oħrajn bit-tradiment kontra l-Istat. Is-sentenza li ngħatat kienet *'mewt bit-tgħalliq'*. Hekk kienet miktuba, biex Carmelo Borg Pisani kellu jtemm ħajtu fuq il-forka.

Kif kien obbligu li jsir b'rispett lejn kull ikkundannat, Patri Feliċjan Bilocca kien assista lil



*L-Attesa – kwadru li fih fih Borg Pisani jissimboleġġja lil Malta tistenna l-fidwa mill-Italja*

Carmelo fl-aħħar tlett ijiem ta' riflessjoni ġewwa ċ-ċella tiegħu fil-ħabs ta' Kordin. Dan ta' l-aħħar kien irċieva struzzjonijiet biex fil-għodwa tat-28 ta' Novembru 1942 fis-7.30 ta' fil-għodu l-ikkundannat Carmelo Borg Pisani kellu jmut.

## Iżda kellu ġuri mingħajr xkiel?



*Patri Feliċjan Bilocca (Ħajr M. Micallef)*

U hawn tibda l-mixja ta' profili kriminali fuq il-każ. Il-għala d-difiża kienet ġiet imċaħħda minn diversi talbiet li għamlet, meta ma' thallewx jinġiebu xhieda mportanti bħal dik ta' Captain Churchill, Willie Apap u l-Kurunell Ede? Ix-xhieda ta' dawn it-tlieta setgħet fixklet lil min kellu nteress li Carmelo Borg Pisani jinstab ħati? Għalfejn waqt l-interrogatorju kienu wiegħduh xi forma ta' maħfra jekk ikun sinċier fl-istqarrijiet li jagħmel? Il-għala ngħata ġuri bi tlett imħallfin biss? Il-għala l-ġuri sar fil-magħluq? Huma kollha mistoqsijiet tqal li diffiċli tispjegahom.



*Karmenu Borg Pisani quddiem 'it-Tribunal Militari Ingliż' li dehret f'Il Borghese tas-6 ta' Mejju 1979. L-oriġinali kien deher għall-ewwel darba f'La Tribuna Illustrata tat-28 ta' Marzu 1943.*

Fix-xhieda tiegħu Carmelo Borg Pisani wera l-konflitti kbar li kellu miegħu nnifsu. Pajjiżu kien il-mira ta' gwerra minħabba l-Ingliżi, l-Italja kienet newtrali. Hu kien jgħożż ħafna l-kultura tagħha, il-karriera ta' pittur, il-faqar li kien jgħix fih u dak kollu li kien ser jitlef. Kien inqabad f'xibka ta' ħsibijiet tqal li kienu diffiċli għalih biex jispjegahom. Ma sewa xejn dak li stqarr li kien lest jikkopera ma' l-awtoritajiet.

Il-għala nstab ħati Carmelo Borg Pisani, meta dan qatt ma ħa parti f'xi konġura kontra niesu stess, iżda biss kontra stat li hu ma ħamilx jaraħ jiddomina lill-poplu mkisser bil-jasar u l- faqar? Meta nqabad – anzi ta ruħu b'idejh - fl-ilma kellu biss lapes u pinzell, meta qatt ma ħa sehem b'użu ta' armi jew vjolenza, kif ukoll meta qatt ma nstab li ħa xi ġurament ta' lealtà ma' xi għaqda. Iżda l-qorti ma kelliex l-istess fehma, l-att ta' konġura flimkien ma' dak ta' tradiment kienu ġew approvati. Carmelo Borg Pisani kien ġie kkundannat għall-mewt.



*Sir Ġorġ Borg, Prim Imħallef.*



*L-Imħallef Prof. Edgar Ganado (Ħajr: A. Ganado)*



*L-Imħallef Prof. William Harding (Ħajr: A. Ganado)*



*Mons. Paola Borg (Ħajr: J. Grech)*

Ma kienu swew għalxejn il-petizzjonijiet għall-maħfra, speċjalment dawk magħmula minn ħuh il-kanonku Mons. Paolo Borg. L-anqas il-Kunsill Eżekuttiv ma ried li b'xi mod tinbidel is- sentenza. L-ordni mogħtija lill-awtoritajiet tal-Ħabs kienet tgħid dawn il-preċiżi versi: "qiegħed jiġi ordnat lilek biex fit-28 ta' Novembru 1942 fis-sigħat ta' fil-għodu u mhux iktar tard mill-għaxra, għandha sseħħ l-esekuzzjoni ta' Carmelo Borg Pisani, billi jiġi mgħallaq sakemm imut" - (Lord Gort).



*Lord Gort.*

Mall-ġibda tal-ħabel, kemm Patri Feliċjan Bilocca li assista l-aħħar jiem lil Carmelo Borg Pisani, kif ukoll il-fratelli li assistewh sal-forka, kienu ta' fehma waħda - dik li Karmenu



*Il-qabar tal-ħabs f'Raħal Ġdid fejn kienu difnu lil Karmenu Borg Pisani*

Borg Pisani miet ta' veru nisrani. L-istess kien lissen il-bojja meta kien qiegħed jorbot il-ħabel ma' għonq l-ikkundannat: "dan ma kienx raġel tal-forka". U hawn l-ikbar inġustizzja kienet li l-ġenituri tiegħu qatt ma ġew mgħarrfa b'dak li kien għaddej, ħallewhom fil-għama tant li lanqas il-ġisem mejjet ta' binhom ma raw kif inhu xieraq li jsir f'kull ċirkostanza!

## Carmelo Borg Pisani fil-Parlament

X'ġara fil-Parlament Malti fuq dan il-każ? Fuq fehma personali ngħid li ftit li xejn. Kull darba li jkun hemm xi diskussjoni fuq il-piena kapitali li kienet ġiet abolita għal kollox mil-liġijiet kriminali f'Malta - mhux mil-liġi kostituzzjonali Maltija - fi Frar 2000, kull kelliem li kellu ċ-ċans jitkellem fuqha baqa' lura milli jagħmel dan b'ċertu dettal. Ilkoll ippruvaw ipinġu dik ix-xi ħaġa li ħafna huma magħrufa għaliha, dik ta' kif iduru mal-lewża u li s-soċjetà taċċetta mingħajr riserva. Iżda l-poplu mhux dak biss irid, il-poplu fil-livell tiegħu għandu dritt ikun mgħallem biex b'hekk jikber fl-ideal, jibda jifhem u jiżen it-tajjeb u l-ħażin. Iżda, fejn kellha tidħol il-gomma biex il-ħażin jiġi muri u jitħassar, dan baqa' ma seħħ qatt.

L-istess ġara f'ħafna attentati mill-gvern Taljan biex il-fdalijiet ta' Carmelo Borg Pisani jinqalgħu minn fejn huma fil-Ħabs ta' Kordin - wara li ġew trasferiti għaċ-ċimiterju ġewwa l-Addolorata fil-parti magħrufa bħala 'fil-komun' - u hekk jingħataw lill-Gvern Taljan biex dan il-persunaġġ jkun jista' jingħata difna xierqa ġewwa Ruma. L-istess kien ġara meta fis-sena 2000 minn Ruma permezz tal-Professur Giuglio Vignoli kienet nġiebet l-irħama fejn intalbet biex titpoġġa fuq il-qabar ta' Borg Pisani, il-Gvern Malti qatt ma aċċetta li jsir dan! Din l-irħama għadha tinsab f'Malta tistenna biex forsi xi darba tittieħed deċiżjoni u titqiegħed fil-post li jixirqilha, dik fuq il-qabar ta' Carmelo Borg Pisani.

Mhux biżżejjed huma dawk il-ftit versi li jinsabu fuq l-oqbra ġewwa il-ħabs ta' Kordin. Il-qima u r-rispett għandu jkun iktar minn hekk fejn kulħadd hu liberu li jesprimi dak li jħoss mingħajr biża.

Hekk stqarrew uħud minn dawk li fl-2005 ġew u żaru wirja mtellgħa f'għeluq it-63 anniversarju minn din il-ġrajja. L-istess għamlu whud mill-qraba ta' Carmelo Borg Pisani, li b'għaġeb kbir għalija stqarrew li qatt ma kienu tarfulhom eżatt x'seħħ minn dan qaribhom!

*Hawnhekk Jistrieħu*
*Il-Fdalijiet ta' Dawk*
*Li - mifruda minn din il-ħajja*
*B'setgħat il-Ġustizzja ta' din l-art*
*Qegħdin issa jistennew*
*Is-sejħa ta' Ġustizzja tas-sema*
*Għall-qawmien*
*Fil-Ħajja ta' Dejjem*
*R.I.P.*

## Silta dwar Carmelo Borg Pisani - Ħsibijiet individwali

Kienu ħafna l-ħsibijiet imqanqla li nkitbu minn diversi personaġġi magħrufa dwar il-ħajja qasira ta' Carmelo Borg Pisani. Ma stajtx insib waħda li hi waħda li b'xi mod kienu jwasslu lil dan iċ-ċittadin Malti lejn il-kamra tal-forka. Wieħed minn dawn il-kummenti li laqatni fuq dan is-suġġett, kien propju dak ta' l-eks Prim Ministru ta' Malta - il-Perit Dom Mintoff - meta kien kiteb hekk:

"Ħalli nieħdu l-istorja ta' Malta. Aħna kellna Malti li nqatel mill-Qorti tagħna għax kien wieħed mill-eroj ta' l-eżerċitu Taljan. Dan x'għamel? Dan kien ingħaqad ma' l-Armata Taljana, kien jemmen li hu Taljan u kien Faxxista u meta qabduh, għamlulu *trial* u l-Qorti tagħna qatlitu".

"Jien ngħid li dawn għamlu ħażin, mhux għax ma messux kien hemm il-piena kapitali, imma għax immedjatament wara (fl-1946), ġrat f'din l-istorja ta' Malta u mhux qiegħed ngħidha biex nattakka lil xi ħadd, nies li ħadu parti attiva ma' l-għadu, meta ġew biex jiġu 'tried' hawn Malta kollha ġew liberati. Mela grupp kollu jiġi liberat u lil wieħed qatluh. Issa għaliex ġara dan? U din hi mportanti. Kellu l-kuraġġ joħroġ dak li kien jaħseb u ħallas bi prezz għoli ħafna. Kien artist bravu, kwiet, b'ideal qawwi. Iffaċċja l-forka fil-kwiet flimkien ma' Alla. Malta m'għandiex minn xhiex tisthi li Carmelo Borg Pisani kien wieħed minn uliedha". *(Silta meħuda mis-Seduta Parlamentari tad-9 ta' April 1990 waqt abbozz ta' liġi li jemmenda l-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta).*

## Lura għall-forka

Ix-xena fuq il-patibolu ma kienitx l-istess xena li kienet isehħ f'esekuzzjonijiet oħra. Din id- darba flok bniedem qattiel jew ħalliel kien hemm *traditur* ta' pajjiżu. Fil-ħsieb tiegħu Patri Feliċjan Bilocca OFM Cap. kien kiteb hekk: "L-ewwel darba li ltqajt ma' Borg Pisani kien Ruma meta kont qed nistudja t-teoloġija. Ma nistax ngħid li kien fanatiku, miskin. Kien sempliċiment *pro-Italy* b'ruħu u ġismu bħalma jien nghid għalija dak iż-żmien kont *pro-British* ... forsi hu kien xi daqsxejn waħda aktar. Għalih l-Italja kienet tista' tagħmel ġid kbir lill- Malta. Jien kelli konvinzjoni lejn l-Ingilterra. Nirrepeti li kien bniedem

li kulma ra kien il-ġid ta' pajjiżu. Hu bbenefika minn benefattur fejn dan il-benefattur seta' jibbenifika lill-Maltin kollha".

Mur għidlu lil Patri Feliċjan Bilocca li kellu jkun hu li jassisti lil Carmelo Borg Pisani fl-aħħar ħinijiet ta' ħajtu. Kienet ħasda kbira għal dan il-Patri hekk kif induna li dak li kellu jtemm ħajtu fi ftit sigħat wara, kien l-istess ħabib li kellu meta kienu jistudjaw Ruma! Assistieh sa l-aħħar nifs ta' ħajtu nhar it-28 ta' Novembru 1942 fejn fis-7.30 a.m. ġiet esegwita l-esekuzzjoni.

## Is-sentenza - Il-Qorti tiddeċiedi

Billi tiddikjara l-akkużat ħati skond l-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuĐa; ħati skond it-tieni kap bl-esklużjoni, però li huwa refa' l-armi ma' potenza barranija kontra l-Gvern tar-Re; u ħati wkoll skond it-tielet kap, fis-sens li bil-ħsieb li jgħin lill-għadu, ittanta biex jagħmel ħwejjeġ li huma maħsuba biex jagħtu għajnuna lill-operazzjonijiet navali, militari jew ta' l-ajru ta' l-għadu, jew li jfixklu l-operazzjonjiet tal-Forzi tal-Maestà Tiegħu jew li jipperikolaw il-ħajja; u wara li rat l-Artiklu 56 (par. 1 numru 3), l-artiklu 57 (par. 1 u 2), Artiklu 5 (numru 3) tal-liġijiet Kriminali, u l-Artiklu 27 tal-*Malta Defence Regulations* 1939, kif emendat bin-notifikazzjoni tal-Gvern 105 tat-18 ta' Marzu 1941 - tikkundanna lill-imsemmi Carmelo Borg għall-piena tal-mewt. *(Vincent Pandolfino Dep. Reg.)*.

## U x'seħħ fil-ġurijiet l-oħra?

**ĠURIJIET TA' KONĠURA**

"Ġurijiet ta' konġura" - kif baqgħu magħrufa dawk li saru bejn Ottubru 1946 u Frar 1947 - kienu ġew proċessati 17-il ċittadin Malti, ħafna minnhom żgħażagħ, li fis-snin tletin kienu marru l-Italja biex ikomplu l-istudji tagħhom. Kollha ġew mixlija bi tradiment *(high treason)* - reat li kellu marbuta miegħu l-piena kapitali. Carmelo Borg Pisani wkoll kellu akkużi simili li wassluh sal-forka. Donnu li l-mewt tiegħu serviet għall-ħelsien ta' dawn sħabu. Il-ġustizzja ma' Carmelo Borg Pisani għad trid issir - (Silta mill-ktieb ta' Lawrence Mizzi: *Mixlija B'Konġura u Tradiment*).

Il-ġurijiet kienu seħħew kif ġej:

**L-EWWEL ĠURI**

L-ewwel ġuri kien seħħ bejn it-22 u s-26 t'Ottubru 1946 fejn konna nsibu:

| | |
|---|---|
| Mixlija: | Albert Xerri De Caro ta' 32 sena u<br>Paolo Ignazio Chetcuti ta' 30 sena. |
| Il-Qorti: | L-Onor. Imħallef Luiġi A. Camilleri L.L.D. (President)<br>L-Onor. Imħallef Anthony J. Montanaro Gauci L.L.D.<br>L-Onor. Imħallef Tancred Gouder L.L.D. |
| Prosekutur: | Professur Anthony J. Mamo |
| Difiża: | Dr. Joseph Flores għal Xerri De Caro<br>Dr. Vincent Xerri għal Chetcuti |
| Ġurati: | Ġużeppi Ragonesi (prim ġurat)<br>Carmel Zammit M.D.<br>Angelo Sammut L.L.D.<br>Louis Bianchi<br>Hugh Portelli<br>Richard Xiberras<br>Edgar Pace<br>Pawlu Mifsud<br>Leonardo Sammut |
| Akkuża: | ... bħala sudditi Brittanniċi ħadu sehem f'konġura ta' tnejn min-nies jew iżjed li kellha l-iskop li twaqqa' l-Gvern tal-Maestà Tiegħu r-Re, talli ntrabtu li jissieħbu ma' qawwiet Taljani meta dawn jinvadu Malta |
| Verdett: | b'sitt voti kontra tlieta - mhux ħatja ta' l-akkużi miġjuba kontrihom |
| *Silta:* | *Mixlija B'Konġura u Tradiment (Lawrence Mizzi)* |

## IT-TIENI ĠURI

It-tieni ġuri kien seħħ bejn l-10 U L-14 ta' Diċembru 1946 fejn konna nsibu:

| | |
|---|---|
| Mixlija: | Roberto Mallia ta' 21 sena,<br>Paolo Frendo ta' 23 sena,<br>Manoel Mizzi ta' 27 sena. |
| Il-Qorti: | L-Onor. Imħallef Luiġi A. Camilleri L.L.D. (President)<br>L-Onor. Imħallef Anthony J. Montanaro Gauci L.L.D.<br>L-Onor. Imħallef Tancred Gouder L.L.D. |
| Prosekutur: | Professur William Buhagiar |
| Difiża: | Dr. Alberto Magri għal Frendo<br>Dr. Giovanni F. Gouder għal Mallia<br>Dr. Giuseppe Pace u Dr. Fortunato Mizzi għal Mizzi |
| Ġurati: | Dunstan Bellanti L.L.D. (prim ġurat)<br>Tumas Debono<br>Anthony Woods<br>Indri Cilia<br>Sander Depiro L.L.D.<br>Oscar Cesareo<br>Giuseppe Pace<br>Orazio Diacono A.&C.E.<br>Victor Frendo Azzopardi |
| Ġurati Supplementi: | Paul Galea - Henry Xerri - Victor Conti |
| Akkuża: | ... bħala sudditi Brittanniċi ħadu sehem f'konġura ta' tnejn min-nies jew iżjed li kellha l-iskop li twaqqa' l-Gvern tal-Maestà Tiegħu r-Re, talli ntrabtu li jissieħbu ma' qawwiet Taljani meta dawn jinvadu Malta |
| Verdett: | b'sitt voti kontra tlieta - mhux ħatja ta' l-akkużi miġjuba kontrihom |
| *Silta:* | *Mixlija B'Konġura u Tradiment (Lawrence Mizzi)* |

## IT-TIELET ĠURI

It-tielet ġuri kien seħħ bejn is-7 u l-15 ta' Jannar 1947 fejn konna nsibu:

| | |
|---|---|
| Mixlija: | Edward Frendo,<br>Tancred Mercieca,<br>Willie Apap,<br>Vincent Cachia,<br>Ġużeppi Gatt,<br>Albert Briffa,<br>Romeo Samuele,<br>Paolo Pace. |
| Il-Qorti: | L-Onor. Imħallef Luiġi A. Camilleri L.L.D. (President)<br>L-Onor. Imħallef Anthony J. Montanaro Gauci L.L.D.<br>L-Onor. Imħallef Tancred Gouder L.L.D. |
| Prosekutur: | Professur William Buhagiar |

| | |
|---|---|
| Difiża: | Dr. Alberto Magri għal Frendo u Pace<br>Dr. Giuseppe Pace għal Mercieca<br>Dr. Giovanni F. Gouder għal Apap<br>Dr. Josie Salamone Reynaud għal Cachia u Samuele<br>Dr. Joseph Flores għal Gatt<br>Dr. Victor Sammut għal Briffa |
| Ġurati: | Charles Lowell (prim ġurat)<br>Salvino Ellul Bonnici<br>Claude Bruno<br>Pawlu Ross<br>Louis Calleja<br>Anthony Camilleri<br>Joseph Camilleri<br>Joseph Woods<br>Joseph Manara |
| Akkuża: | ... wettqu delitt kontra s-sigurezza tal-Gvern billi ħadu sehem f'konġura li kellha l-iskop li twaqqa', jew tfittex li twaqqa' l-Gvern tal-Maestà Tiegħu ... billi b'xi mod tingħata għajnuna lill-għedewwa tar-Re. |
| Verdett: | Wara ħamsa u erbgħin minuta l-ġurati ħarġu b'verdett ta' "mhux ħatja" fuq l-Atti kollha ta' l-akkużi. |
| *Silta:* | *Mixlija B'Konġura u Tradiment (Lawrence Mizzi)* |

**IR-RABA' ĠURI**

Ir-raba' ġuri kien seħħ bejn it-3 u t-13 ta' Frar 1947 fejn konna nsibu:

| | |
|---|---|
| Mixlija: | Carmelo Ivo Leone Ganado ta' 32 sena,<br>Antonio Cortis ta' 25 sena,<br>Antonio Vassallo ta' 25 sena,<br>Giuseppe Gonzi ta' 30 sena. |
| Il-Qorti: | L-Onor. Imħallef Luiġi A. Camilleri L.L.D. (President)<br>L-Onor. Imħallef Anthony J. Montanaro Gauci L.L.D.<br>L-Onor. Imħallef Tancred Gouder L.L.D. |
| Prosekutur: | Professur Anthony J. Mamo |
| Difiża: | Dr. Alberto Magri għal Leone Ganado u Vassallo<br>Dr. Alberto Magri u Sir Philip Pullicino għal Cortis<br>Dr. Joseph Flores għal Gonzi |
| Ġurati: | Fortunato Ellul P.L. (prim ġurat)<br>Alfred Gregory<br>Carmel Caruana<br>Alfred Abela<br>Joseph Falzon<br>Peter Paul Pellegrini Petit<br>Joseph Ellul<br>Emmanuel Calleja<br>Joseph Sammut |
| Akkuża: | ... wettqu delitt kontra s-sigurezza tal-Gvern billi ħadu sehem f'konġura li kellha l-iskop li |

twaqqa' jew tfittex li twaqqa' l-Gvern tal-Maestà Tiegħu ... imwaqqaf f'Malta.

Verdett: b'voti unanimi l-akkużati ma nstabux ħatja u ġew liberati mill-Qorti.

*Silta:* *Mixlija B'Konġura u Tradiment (Lawrence Mizzi)*

## Fehmiet wara mewtu

"Karmenu kien infatwat wara Mussolini. Għalih kien kollox. Kien infatwat wara l-Faxxiżmu. Hu kien jemmen li Malta taħt it-Taljani ser tkun aħjar. Ħafna kienu n-nies li kellhom il-fehma tiegħu" - ***Mary Inglott Pitrè***.

"Borg Pisani e' sepolto nel cimitero del carcere di Corradino in una tomba comune, la numero tre senza nome ne indicazioni. L'Italia non lo rivendica; l'Inghilterra non ne parla, La Repubblica di Malta fa finta di nulla" - *Stenio Solanis, ġurnalista Taljan.*

"Każ aktar uniku milli rari, ħadd qatt ma ħaseb biex jagħti difna xierqa lill-imsejken Borg Pisani li offra ruħu għall-missjoni ta' mewt żgura jew aħjar, tqiegħed f'qagħda ta' suwiċidju minn min użah meta kien jaf tajjeb għal liema periklu kien dieħel l-irredent ta' 27 sena. Nies Borg Pisani qatt ma marru jiġbru l-medalja tiegħu tad-deheb. Forsi ma ttiħomx tort" - ***Carlo De Risio***, *Generali, Servizi Segreti e Fascismo - La Guerra nella Guerra, 1940-43.*

"I strongly feel that Malta has a duty towards history to rehabilitate the name and memory of this young and courageous man who died with the belief that his actions would have brought about social justice and equality among his Maltese fellow countrymen" - *Martin Degiorgio, The Sunday Times, 29/12/02.*

"L-għemil ta' Borg Pisani mhux ta' min ifaħħru, però l-persuna mhux ta' min jistmerrha" - ***Carmel Bezzina***, *poeta.*

"Karmenu Borg Pisani kien artist, kien Malti li ħabb lill-art twelidu, imma sfortunatament dan iż-żagħżugħ baqa' magħruf għal ħaġa. Kien bniedem mogħni b'sentimenti l-aktar nobbli, kien lest li jagħti ħajtu għall-mewt bit-tgħalliq. Il-Gvern Malti għandu llum il-ġurnata jirrikonoxxi lil Karmenu Borg Pisani bħala wild Malti u mhux delinkwent komuni. Il-Gvern Malti għandu għall-inqas ineħħi l-fdal tiegħu miċ-ċimiterju tal-ħabs, jagħtih difna xierqa u jfakkru kull sena..." - ***G.A. Pellegrini***, *The Sunday Times, 12/01/03.*

"Kien faxxist mija fil-mija. Kien jgħid apertament li jixtieq jara lil Malta magħquda ma' l-Italja ... Kien affetwat mhux l-aktar fuq Mussolini daqskemm fuq il-kultura Taljana f'Malta" - ***Ġużeppi Gatt***.

"Borg Pisani was no common adventurer selling his services to the winning side; he was a quiet young artist fired by reckless idealism. He faced the gallows at peace with God and with his conscience. Malta is not ashamed to have had him as one of her unlucky sons" - ***Dom Mintoff***, *The Knight.*

"Borg Pisani ħa l-forka għal ideal, tajjeb jew ħażin, li kien jemmen fih ... Il-Poplu kkundanna lill-Malti li aċċetta li jispjuna favur l-Italja li kienet tibbumbardja lil pajjiżu. Il-Qrati għamlu ġustizzja meta applikaw il-liġi. Alla biss jista' jgħid l-aħħar kelma f'każi bħal dawn" - ***Herbert Ganado***, *Rajt Malta Tinbidel (1977).*

"Dak li għamel Carmelo Borg Pisani huwa ħażin u ħallas għalih b'ħajtu. Dak li ddeċieda u wettaq il-Gvern Kolonjali Ngliż bl-esekuzzjoni ta' Carmelo Borg Pisani huwa ħażin u ta' min jistmerru. Donnu l-miżien tal-fatti xaqilbu biss għal dak li hemm imniżżel fil-ktieb tal-liġi. Il-kura li toħroġ il-verità għada trid tinstab" - ***L-awtur***.

## Għeluq

Il-ġrajja ta' Carmelo Borg Pisani tiġbor fiha ferm iktar interess minn dak ippubblikat. Nemmen bi sħiħ li kien żball tal-ġustizzja li temm hekk ħesrem il-ħajja ta' dan il-persunaġġ li b'rieda soda kien kiteb: "Għandi xewqa waħda li jħalluni fil-kwiet nagħti sehmi fil-gwerra qaddisa Taljana. Inqisu bħala għajb ta' l-imgħoddi li kont sudditu Brittaniku u ma nixtieqx li jkolli l-protezzjoni ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika." Ġrajjet Carmelo ma tistax tintemm u kif għedt fl-introduzzjoni tibqa' tqajjem interess. Il-bust li jfakkar lil dan il-persunaġġ flimkien ma' bosta tifkiriet oħra ser jibqa' jżomm ħaj isem Carmelo Borg Pisani, kemm f'wirjiet kif ukoll f'kitbiet oħra.



***Xogħol artistiku ta' Clive Busuttil - Bormla 2005.***

**Referenzi:**

Dak li tgħallimt fuq dan il-każ ġej minn riċerki w intervisti li wettaqt, iżda kienet il-kitba minquxa fil-kotba ta' Lawrence Mizzi - ***'Għall-Ħolma ta' Ħajtu'*** (1983), ***'Mixlija b'Kongura u Tradiment'*** (1996), u ***'Il-Każ Borg Pisani: Sittin Sena Wara'*** (2003) - li aspirawni nkompli nfittex fuq dan il-persunaġġ. J'Alla jasal il-mument li kif talbu oħrajn qabli, il-figura ta' Carmelo Borg Pisani tibda tiġi rispettata u tiġi milqugħa lura mill-Istat Malti.

**N.B.**

a) Il-piena kapitali f'Malta tneħħiet fil-15 ta' Frar 2000 wara dibattiti fil-Parlament (Seduti numri: 241-242).

b) L-aħħar esekuzzjoni kienet seħħet nhar il-5 ta' Lulju 1943 - dik ta' l-aħwa Karmnu u Ġużeppi Zammit min-Naxxar.

c) L-aħħar kundanna iżda ġiet mibdula f'waħda għal għomor il-ħabs kienet dik ta' Anthony Patignott fl-1 ta' Ottubru 1963 wara li nstab ħati li qatel lill-Anthony Baldacchino.